# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 263/2020 MH**

**Illum, 1 ta' Ġunju, 2022**

**Fl-atti tal-ittra uffiċjali Numru 932/2020 fl-ismijiet:**

**Id-Direttur Ġenerali (Dwana)**

**vs**

**Colin Sammut (K.I. Numru 587577M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent Colin Sammut tal-5 ta' Mejju 2020** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

*Jesponi bir-rispett:*

*Illi r-rikorrent ġie notifikat bl-ittra uffiċjali tal-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tad-Dwana ppreżentata fil-11 ta' Marzu 2020 li permezz tagħha ġie interpellat sabiex iħallas l-ammont ta' tlieta u tmenin elf, disa' mija seba' u tletin*

*Ewro (€83,937) rappreżentanti ammont ta' dazju allegatament dovut minnu konsistenti f'numru ta' importazzjonijiet illi r-rikorrent allegatament għamel;*

*Illi ai termini ta' l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-intimat isservi sabiex, fin-nuqqas ta' pagament jew opposizzjoni fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 Kap. 12, tirrendi eżegwibbli l-kreditu li l-intimat qiegħed jallega li għandu fil-konfront tar-rikorrent permezz ta' l-ittra uffiċjali li ntbgħatet lilu.*

*Illi l-esponenti jirrifjuta l-pretenzjonijiet vantati fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Dwana) u qed jipproċedi legalment skond il-liġi għas-salvagwardja tad-drittijiet tiegħu;*

*Illi r-rikorrent qed jintavola dan ir-rikors ai termini tal-artikolu 466(2) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u dan għar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi preliminarjament r-rikorrent jirrileva li l-azzjoni tad-Direttur Generali (Dwana) hija preskritta ai termini tal-artikolu 4(5) tal-kapitolu 337 tal-liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni tad-Direttur Ġenerali (Dwana) hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex kif ser jirriżulta aħjar waqt is-smiegħ ta' dan ir-rikors, dak mitlub fl-ittra uffiċċjali 932/2020 mhuwiex dovut mir-rikorrent stante li hu dejjem ħallas għall-merkanzija li importa f'Malta skond u kif ċertifikat mill-inkartament u l-fatturi fil-pussess tiegħu;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, r-rikorrenti filwaqt li jirriżerva kull dritt spettanti lilu sabiex jeċċepixxi kull eċċezzjoni ulterjuri li jista' jkollu, jitlob lil din 1-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li t-talba kif dedotta hija preskritta a tenur tas-sub-inċiż 5 tal-Arti kolu 4 tal-Kapitolu 337 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Mingħajr preġudizzju għal premess, tiddikjara li t-talba tad-Direttur Ġenerali (Dwana) kif mitluba fl-ittra uffiċjali numru 932/2020 hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li 1-ebda ammont ma huwa dovut;*

3. *Tordna li 1-ittra uffiċjali suriferita hija nulla u bla effett legali fil-konfront tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta tal-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) tal-24 ta' Lulju 2020** permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*Jesponi bir-rispett:*

*Illi t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma insostenibbli ai termini tal-provvedimenti tal-Kap. 337 tal-liġijiet ta' Malta u dan għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi l-fatti jikkonċernaw seba' (7) poloz ta' importazzjoni li jikkonċernaw merkanzija importata mit-Turkija konsistenti f'electrical cables u copper pipes, senjatament: TDID 2012601770794[1]; TDID 2012601812938[2]; TDID 2013601880687[3]; TDID 2013601942061[4]; TDID 2014602070659[5]; TDID 2014602201179[6]; u TDID 2014602264130[7];*

1.1*Illi kif inhi l-prassi doganali għall-ispeditezza kummerċjali dawn l-importazzjonijiet ġew rilaxxjati lir-rikorrent, madanakollu kif inhu permessibbli ai termini tal-liġijiet doganali, l-awtoritajiet doganali għażlu fuq inizjattiva tagħhom stess li jagħmlu eżami tad-dikjarazzjonijiet wara r-*

[1] Datata 13 ta' Awwissu, 2012;
[2] Datata 30 ta' Ottubru, 2012;
[3] Datata 4 ta' Marzu, 2013;
[4] Datata 24 ta' Ġunju, 2013;
[5] Datata 12 ta' Frar, 2014;
[6] Datata 9 ta' Frar, 2014;
[7] Datata 15 ta' Diċembru, 2014;

*rilaxx (post clearance audit) sabiex jaċċertaw ruħhom mill-partikolaritajiet u l-korrettezza li jkun hemm fl-istess dikjarazzjonijiet. Illi l-esponent talab lir-rikorrent jippreżenta numru ta' dokumenti in sostenn għall-importazzjonijiet mertu ta' din il-kawża bl-iskop ta' Post Clearance Audit, u wara li saret l-investigazzjoni neċessarja da parti tad-Dwana bl-għajnuna tal-kontroparti Torka permezz ta' assistenza reċiproka, irriżulta li il-valuri fuq dawn il-poloz ta' importazzjoni u d-dokumenti annessi magħhom kienu fil-fatt imbabsa b'riżultat li l-esponent ma seta' qatt jikkunsidra dawn il-poloz ta' importazzjoni bħala perfetti ġjaladarba kienet se tirriżulta evażjoni ta' dazju u taxxi u telf għall-errarju pubbliku fl-ammont ta' tlieta u tmenin elf u disa' mija u sebgħa u tletin Ewro (€83,937) u kif ukoll żbilanċ kummerċjali għal negozjanti onesti;*

1.2*Illi konsegwentement ġew anke istitwiti proċeduri kriminali fuq direzzjoni tal-esponent innifsu fil-konfront tar-rikorrent fir-rigward ta' dawn il-poloz ta' importazzjoni qarrieqa, liema proċeduri ġew konklużi nhar l-14 ta' Ottubru, 2019*[8]*;*

1.3*Illi għalhekk, wara li l-esponent investiga u stabilixxa x'kienu l-valuri reali tal-merkanzija li tifforma parti mill-importazzjonijiet tar-rikorrent, l-esponent kien f'qagħda li jistabilixxi tassew x'kien id-dazju u taxxi dovuti, u b'hekk għadda sabiex jibgħat ittra uffiċċjali flimkien mad-dikjarazzjoni maħlufa tal-esponent ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 sabiex jitħalsu id-dazju u taxxi dovuti fuq l-importazzjonijiet de quo;*

2. *Illi fir-rigward tal-ewwel talba rikorrenti, l-esponent jikkontendi l-argument avvanzat mir-rikorrent li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-*

[8] Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – Il-Pulizija vs Colin Sammut, deċiża 14, ta' Ottubru, 2019, Maġistrat Ian Farrugia;

*artikolu 4(5) tal-Kap. 337 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan l-artikolu jgħid illi "l-ammont li jkun għadu jrid jitħallas għandu jibqa' dovut għal perjodu ta' sitt snin mill-punt ta' taxxa kif definit fl-artikolu 12A ta' dan l-Att". Illi fil-fatt l-artikolu 12A tal-Kap. 337 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi d-dazju ta' importazzjoni għandu jiġi kkalkolat – (a) fil-ħin li polza perfetta ta' importazzjoni tiġi reġistrata fil-computer tad-Dwana (...) jew* ***(b) meta polza bħal dawk ma tkunx perfetta, fil-ħin li dik il-polza tiġi emendata u aċċettata bħala perfetta għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju****;*

2.1*Illi ċertament, l-esponent fl-ebda punt m'aċċetta bħala polza ta' importazzjoni perfetta xi waħda mid-dikjarazzjoniet magħmula mir-rikorrent. Tant kemm l-esponent m'aċċettax dawn il-poloz t'importazzjoni bħala poloz perfetti, li fil-post clearance audit intalbu dokumenti addizzjonali lir-rikorrent u ntalbet ukoll l-assistenza tal-kontroparti Torka sabiex tkun stabbilita l-veraċita` o meno tal-valuri kif indikati;*

2.2*Illi wara li l-esponent iriċieva d-dokumentazzjoni u t-traduzzjonijiet neċessarji mid-Dwana Torka nhar it-3 ta' Ġunju, 2015, kien ikkonfermat is-suspett tal-esponent li l-valuri fuq il-poloz ta' importazzjoni kienu skorretti u b'hekk l-esponent setgħa jgħaddi sabiex jikkalkula t-taxxi reali dovuti. Illi l-kalkolazzjonijiet tad-dazju u taxxi dovuti saru nhar l-14 ta' Lulju, 2015, sabiex b'hekk tkun stabbilita polza perfetta għas-sodisfazzjoni tal-Kummissarju;*

2.3*Illi jsegwi għalhekk li jekk wieħed irid jitkellem dwar il-preskrizzjoni tal-poloz ta' importazzjoni de quo, wieħed irid jikkunsidra l-preskrizzjoni mill-punt meta kienu emendati u aċċettati bħala perfetti għas-sodisfazzjoni tal-Kummissarju kif jitlob l-artikolu 12A(1)(b). Għalhekk, il-preskrizzjoni fil-konfront ta' dawn il-poloz t'importazzjoni setgħet biss tibda tiddekkorri*

*minn nhar l-14 ta' Lulju, 2015, u ċioe` meta d-dazju u taxxi reali dovuti kienu ikkolkolati, u jsegwi allura li t-talba tal-esponent ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 hija entro t-terminu tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 4(5) tal-Kap. 337 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2.4*Illi dato ma non concesso din l-Onorabbli Qorti jidrilha li għandha tintrattjeni l-ewwel talba rikorrenti, din għandha tkun limitata biss għall-importazzjonijiet li seħħew qabel l-14 ta' Marzu 2014 ġjaladarba r-rikorrent ġie notifikat bl-ittra uffiċċjali flimkien mad-dikjarazzjoni maħlufa tal-esponent ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 nhar l-14 ta' Marzu, 2020, u b'hekk il-poloz t'importazzjoni datati 9 ta' Settembru, 2014*[9]*, u l-15 ta' Diċembru, 2014*[10]*, ma jistgħux ikunu preskritti ġjaladarba għadhom ma ddekorrewx is-sitt (6) snin imsemmija fl-artikolu 4(5) tal-Kap. 337;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tat-tieni talba rikorrenti, din ukoll għandha tkun miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti ġjaladarba hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed għat-talba tal-esponent sabiex ir-rikorrent iħallas it-taxxa dovuta rimanenti fuq il-poloz t'importazzjoni mertu ta' din il-kawża, u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt is-smiegħ ta' din il-kawża;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, tiddikjara li l-ammont huwa dovut u tikkundanna lir-rikorrent iħallas l-ammont kif pretiż; bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

[9] TDID 2014602201179;
[10] TDID 2014602264130;

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta.

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet rispettivi.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' ittra uffiċjali numru 932/2020 intavolata fil-11 ta' Marzu 2020 ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta id-Direttur Ġenerali (Dwana) nterpella lir-rikorrent odjern Colin Sammut sabiex iħallas is-somma ta' €83,937 bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq numru ta' mportazzjonijiet li huwa għamel. Fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni d-Direttur kien ser jipproċedi biex jesegwixxi l-kreditu skont il-liġi.

Ir-rikorrent Sammut intavola l-proċeduri odjerni ai termini tal-artikolu 466 (2) tal-Att sabiex iressaq oppożizzjoni għal din l-ittra uffiċjali fuq żewġ binarji –

i. It-talba kif dedotta fl-ittra msemmija hija preskritta ai termini tal-artikolu 4(5) tal-Kap 337 tal-Liġijiet ta' Malta; u

ii. mingħajr preġudizzju, ebda ammont pretiż mill-intimat f'dik l-istess ittra m'huwa dovut.

Minn naħa tiegħu id-direttur intimat irrespinġa dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u sostna li l-ammont mitlub fl-ittra uffiċjali mpunjata għandu jiġi kkonfermat minn din il-Qorti.

**L-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li –

*"Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*

*(....)*

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta'dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.*

*(3) Ir-rikors preżentat skont is-subartikolu (2) għandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum. Il-qorti*

*tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors għas-smiegħ f'jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien."*

Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk dwar dan l-artikolu fil-każ **Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern u s-Segretarju Parlamentari tas-Saħħa vs Angelo Briffa deċiż fit-12 ta' Ġunju 2020 –**

*"Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), permezz tad-deċiżjoni fl-ismijiet **Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi vs. Connie Buhagiar u Martin Buhagiar** spjegat it-tip ta' kreditu li din il-proċedura speċjali ai termini tal-artikolu 466(1) tal-Kap. 12, kienet maħsuba għalih:*

*"Jingħad bla tlaqliq li l-użu tal-Artikolu 466 huwa mezz eċċezzjonali applikabbli għall-kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern u oħrajn speċifikati fl-Artikolu u dan sabiex il-Gvern ta' Malta jkun jista', permezz ta' din il-proċedura eċċezzjonali, jiġbor il-krediti dovuti lilu billi l-Kap tad-Dipartiment jikkonferma bil-ġurament li l-kreditu huwa dovut.*

*(......)*

*.....il-Qorti tosserva li:-*

*(a) L-Artikolu 466 ma japplikax għal kull (sottolinear ta' din il-Qorti) kreditu li jista' jkun dovut lill-Gvern jew korp kostitwit b'liġi. Kieku din kienet l-intenzjoni tal-leġislatur ma kienx ikun hemm skop għalfejn jissemmew il-każijiet fejn dik il-proċedura tista' tiġi adottata. Il-lista ta' każijiet fejn tista' tiġi adottata l-proċedura taħt l-Artikolu 466 hi eżawrjenti.*

*(b) Il-kliem "... sabiex jiġbor kull ammont dovut" ġew inseriti fil-provvediment fir-rigward ta' korp li b'liġi jkun awtorizzat li jiġbor dejn favur il-Gvern jew korp kostitwit b'liġi. B'daqshekk ma jfissirx li l-Artikolu 466 japplika għal kull tip ta' kreditu li jista' jippretendi li għandu l-Gvern jew korp imwaqqaf b'liġi.*

*Ifisser biss li korp awtorizzat jirkupra dejn favur il-Gvern jew korp imwaqqaf b'liġi, ikun jista' fil-każijiet ikkontemplati fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12 jaddotta dak il-provvediment biex jirkupra l-ħlas dovut."*

Il-fatti li taw lok għall-kawża huma li r-rikorrent kien għamel żmien jimporta affarijiet konnessi mal-elettriku fosthom *wires* tad-dawl, *copper pipes* u staffi tal-ħadid. L-importazzjoni kienet tkun minn diversi pajjiżi fosthom l-Italja u t-Turkija. Mit-Turkija huwa kien jimporta fost oħrajn mill-kumpanija Nazen Ic Ve Dis Ticaret Limited li dwar il-fatturi tagħha nqalgħet il-kwistjoni bejn il-partijiet li hija mertu tal-kawża odjerna.

Is-seba' poloz ta' importazzjoni mertu tal-kawża odjerna huma dawn –

- TDID 2012601770794 għal konsenja li waslet Malta fit-8 t'Awwissu 2012 u ġiet rilaxxjata fit-13 t'Awwissu 2012[11]

- TDID 2012601812938 għal konsenja li waslet Malta fid-29 t'Ottubru 2012 u ġiet rilaxxjata fil-31 t'Ottubru 2012[12]

- TDID 2013601880687 għal konsenja li waslet Malta fl-1 ta' Marzu 2013 u ġiet rilaxxjata fl-4 ta' Marzu 2013[13]

- TDID 2013601942061 għal konsenja li waslet Malta fit-18 ta' Ġunju 2013 u ġiet rilaxxjata fil-25 ta' Ġunju 2013[14]

- TDID 2014602070659 għal konsenja li waslet Malta fis-7 ta' Frar 2014 u ġiet rilaxxjata fit-13 ta' Frar 2014[15]

[11] Fol 328 et seq
[12] Fol 345 et seq
[13] Fol 466 et seq
[14] Fol 395 et seq
[15] Fol 422 et seq

- TDID 2014602201179 għal konsenja li waslet Malta fis-6 ta' Settembru 2014 u ġiet rilaxxjata fl-10 ta' Settembru 2014[16]

- TDID 2014602264130 għal konsenja li waslet Malta fit-13 ta' Diċembru 2014 u ġiet rilaxxjata fis-16 ta' Diċembru 2014[17]

Wara skrutinju li sar mill-uffiċjali tad-Dwana fuq konsenji li kienu ġew rilaxxjati lir-rikorrent, u wara korrispondenza li għamlu mal-awtoritajiet tad-Dwana Torok, għall-uffiċjali tad-Dipartiment l-konklużjoni kienet li l-fatturi li permezz tagħhom saru d-dikjarazzjonijiet lid-Dwana, għalkemm kienu simili għal dawk li ntbagħtu mill-awtoritajiet Torok, kellhom il-prezzijiet tal-*cables* ferm inqas minn dawk li ġew dikjarati u kkonfermati lid-dwana Torka waqt l-esportazzjoni. Dan kien iwassal għal evażjoni tat-taxxa.

B'riżultat ta' dan l-uffiċjali tad-Dwana ħadmu d-differenza bejn il-fatturi dikjarati minn Colin Sammut f'Malta u dawk mibgħuta mill-awtoritajiet tat-Turkija. Peress li dawn is-seba' konsenji kienu eżentati mill-ħlas tad-dazju tal-importazzjoni, id-Dwana kkalkulat l-ammont dovut bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema ammont ilaħħaq is-somma ta' €83,937 u li huwa l-mertu tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Marzu 2020.

Minn naħa tiegħu ir-rikorrent jinsisti li l-fatturi minnu dikjarati f'Malta kienu jirrappreżentaw il-ħlas fattwalment magħmul minnu lill-kumpanija estera.

Fuq dawn is-seba' poloz kienu ġew intavolati wkoll proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet *Il-*

[16] Fol 371 et seq
[17] Fol 440 et seq

*Pulizija vs Colin Sammut*, liema proċeduri ġew deċiżi fl-14 t'Ottubru 2019 bil-liberatorja tar-rikorrent odjern.

Għal dak li jirrigwarda l-proċeduri kriminali appena msemmija, jiġi sottolineat li l-Qrati tagħna dejjem irrikonoxxew id-distinzjoni bejnhom u bejn proċeduri ċivili fejn ir-regoli ta' proċedura u l-grad tal-prova jvarjaw minn xulxin.

Ingħad hekk fil-każ **Nicole Mairangas vs HSBC Bank Malta plc**[18] deċiża fil-31 ta' Mejju 2006 -

*"l-isfera ta' attivita' ordinarja tal-Qrati Ċivili u għalhekk il-ġurisdizzjoni ordinarji tagħhom hija nettament distinta minn dik tal-Qrati Kriminali, u illi dawk ma għandhomx u ma jistgħux jintromettu ruħhom fl-isfera ta' attivita' ta' dawn, ħlief jekk u fejn talvolta espressament u speċifikament awtorizzati minn xi liġi speċjali biex jeżercitaw xi funzjonijiet partikolari attribwiti lilhom u bil-proċeduri hemm ammessi" (**Giuffrida vs De Gray** 11/2/1967 Prim Awla) ."*

**Imbagħad fil-każ Emanuele Degiorgio pro et noe vs Twanny Moon et**[19] deċiża fil-31 t'Ottubru 2007 il-Qorti qalet hekk –

*"l-azzjoni ċivili hija distinta u separata minn dik kriminali, u azzjoni waħda ma tiddependix minn oħra. Il-prosegwiment ta' kawża fi tribunal wieħed m'għandux jiddependi minn x'jiġri jew ma jiġrix quddiem tribunal ieħor li għandu ġurisdizzjoni u kompetenza separata u distinta."*

Għaldaqstant, il-fatt waħdu li fil-proċeduri kriminali li tmexxew kontra r-rikorrent odjern huwa ġie liberat mill-akkużi li tressqu kontrih, ma għandux iservi ta' mpediment legali għall-eżami tal-każ odjern fejn il-Qorti hija rikjesta

[18] Cit Nru 418/2004 deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili
[19] Nru 864/02 Qorti tal-Appell

teżamina jekk, fuq bażi ta' probabilita', it-talbiet tar-rikorrent Sammut humhiex ġustifikati jew le.

Ferm il-premess il-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina l-binarji li fuqhom Colin Sammut qiegħed jattakka l-ittra uffiċjali Numru 932/2020 fl-ismijiet premessi.

**1. <u>Preskrizzjoni tal-azzjoni tad-Direttur Ġenerali Dwana</u>**

L-ewwel oppożizzjoni tar-rikorrent permezz tal-proċeduri odjerni hija li t-talba għall-ħlas da parti tad-Direttur intimat hija preskritta ai termini tal-artikolu 4 (5) tall-Kap 337 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent jillimita l-argument dwar il-preskrizzjoni għall-ewwel ħames fatturi li jkopru l-importazzjonijiet mit-8 t'Awwissu 2012 sas-7 ta' Frar 2014. Qabel ma kienet ġiet rilaxxjata l-merkanzija ġiet maħduma t-taxxa relattiva li tħallset u ġiet aċċettata mid-Dipartiment tad-Dwana bla riservi. Fl-atti ma tressqet ebda prova ta' xi att ġudizzjarju ieħor li jinterrompi l-preskrizzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet.

**L-artikolu 4(5) tal-Kap 337 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

*"Fejn xi dazji ta' importazzjoni li jridu jitħallsu fuq oġġetti taħt dan l-artikolu ma jkunux ġew miġbura, l-ammont li jkun għadu jrid jitħallas għandu jibqa' dovut għal perijodu ta' sitt snin mill-punt ta' taxxa kif definit fl-artikolu 12A ta' dan l-Att u l-Kummissarju jkollu dritt li jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont matul il-perijodu msemmi:*

*Iżda, minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, il-Kummissarju m'għandux jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont meta huwa jkun sodisfatt li l-oġġetti*

*ġew spezzjonati sew mill-uffiċjal li għamel ir-rilaxx u li ġew hekk rilaxxati minnu u li l-valur ta' dawk l-oġġetti kien dikjarat sewwa."*

It-teżi tar-rikorrent hija li l-preskrizzjoni fir-rigward tal-ħames importazzjonijiet imsemmija għandha tibda tiddekorri mid-data li fiha ġiet rilaxxjata mid-Dwana peress li dakinhar kienet inħadmet it-taxxa dovuta fuq il-merkanzija.

Speċifikatament dwar din id-dispożizzjoni tal-liġi ingħad hekk fil-każ **ISP Ltd vs Direttur Ġenerali (Dwana) deċiż fis-27 ta' Frar 2014 -**

*"Dan l-Artikolu tal-Liġi u l-proviso għall-istess ma għandhomx jinqraw u jiġu kkunsidrati waħedhom, kif pretiż mis-soċjetà Rikorrenti, iżda għandhom jinqraw u jigu kkunsidrati fid-dawl tal-provvedimenti l-oħra tal-Kap.337 tal-Liġijiet ta' Malta minn liema appuntu jirriżulta li d-Direttur Ġenerali (Dwana) ma jistax jiġi leġġerment ipprojbit milli jagħmel investigazzjonijiet u verifiki li jistgħu jirriżultawlu neċessarji dwar merkanzija importata hawn Malta wara li din tkun ġiet minnu rilaxxata."*

Infatti hija l-liġi stess li testabilixxi minn meta għandha tibda tiddekorri l-preskrizzjoni f'każijiet bħal dawk tal-lum għax skont l-artikolu appena ċitat, is-sitt snin jibdew jgħoddu *"mill-punt ta' taxxa kif definit fl-artikolu 12A ta' dan l-Att"*.

**L-artikolu 12A tal-Att**, fl-ewwel subartikolu tiegħu jipprovdi hekk -

*"Id-dazju ta' importazzjoni għandu jiġi kkalkolat –*

*(a) fil-ħin li polza perfetta ta' importazzjoni tiġi reġistrata direttament fil-computer tad-Dwana minn negozjant jew aġent tiegħu, jew, meta ma tiġix hekk*

*reġistrata,mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jmiss wara li tiġi ppreżentata polza perfetta ta' importazzjoni lill-Kummissarju għar-reġistrazzjoni; jew*

*(b) meta polza bħal dawk ma tkunx perfetta, fil-ħin li dik il-polza tiġi emendata u aċċettata bħala perfetta għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju;*

*u, f'kull każ, huwa f'dak il-punt ta' ħin li l-imsemmija rata ta' dazju u rata ta' kambju għandhom japplikaw:"*

Dan juri li l-liġi doganali tikkonċedi d-diskrezzjoni lid-dipartiment immexxi mill-intimat li filwaqt li jirrilaxxja l-merkanzija lill-importatur mal-wasla tagħha f'Malta, l-uffiċjali tad-Dipartiment għandhom id-dritt li jwettqu *post clearance audits* sabiex jivverifikaw li t-taxxi kollha dovuti lill-erarju pubbliku fuq l-importazzjonijiet relattivi jkunu tħallsu fl-intier tagħhom. Il-proċedura ġiet spjegata f'aktar dettall mix-xhieda li tressqu għan-nom tal-intimat, liema proċedura hija stipulata fil-Kodiċi Doganali tal-Komunità li joħroġ mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità. Dawn ix-xhieda taw dettalji wkoll tal-proċess ta' verifika li wettqu għal fini tal-każ odjern fejn ikkorrispondew mal-awtoritajiet tat-Turkija sabiex dawn jgħaddulhom il-fatturi u d-dokumentazzjoni li ġew sottomessi mill-esportatur Tork tal-cables li kien xtara mingħandu Colin Sammut. Huwa kompla jixhed li meta kellhom id-dokumenti kollha neċessarji f'idejhom u qabbluhom ma' xulxin, huma kkonkludew li l-fatturi li permezz tagħhom saru d-dikjarazzjonijiet lid-Dwana f'Malta kienu juru prezzijiet ferm inqas minn dawk li ġew dikjarati lid-Dwana tat-Turkija. B'hekk id-dipartiment tad-Dwana pproċeda biex jikkalkula t-taxxi rimanenti li kien fadal jitħallsu u nterpella lir-rikorrent għall-ħlas.

Spjegata din il-proċedura u l-mod kif ġiet imħaddma għall-każ odjern allura huwa ċar li għal fini ta' preskrizzjoni, t-terminu ta' sitt snin jibda jgħodd ai termini tal-paragrafu (b) tal-artikolu 12A(1) tal-Att u ċioe' "*fil-ħin li dik il-polza tiġi emendata u aċċettata bħala perfetta għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju*".

Il-kalkoli tat-taxxi dovuti u l-emendi għall-poloz tal-importazzjoni tar-rikorrent saru nhar l-14 ta' Lulju 2015[20].

Kwindi, ladarba l-ittra uffiċjali mertu tal-kawża odjerna u marbuta ma' dawn il-poloz t'importazzjoni ġiet intavolata fil-11 ta' Marzu 2020 l-azzjoni fil-konfront tal-ħames fatturi li jkopru l-importazzjonijiet mit-8 t'Awwissu 2012 sas-7 ta' Frar 2014 mhijiex preskritta għax ma kinux għadhom għaddew sitt snin.

## 2. <u>Ebda ammont mhu dovut lid-Direttur Ġenerali intimat</u>

Ir-rikorrent jargumenta li hu ma jidħolx fit-taħwid li seta' kien hemm bejn l-esportatur u d-Dwana Torka. Huwa ppreżenta l-fatturi lilu mogħtija u li fuqhom ħallas il-prezz li kien innegozja. Issa jispetta lid-Direttur Ġenerali ntimat li jipprova l-kuntrarju.

Il-Qorti rat id-dokumenti mressqa mill-partijiet in sostenn tat-teżi tagħhom u tqis, fuq bażi ta' probabilta', li t-teżi tal-intimat hija korretta u ben sopportata bid-dokumentazzjoni meħtieġa. Issir referenza għad-dokumentazzjoni esibita in atti inkluż dawk *animo ritirandi* a fol 328 et seq marbuta mal-importazzjonijiet relattivi inkluż id-dokumenti li ġew preżentati lid-Dwana ta' Malta mir-rikorrent stess u d-dokumenti oriġinali mibgħuta mid-Dwana tat-Turkija lil dik ta' Malta

[20] Fol 214 et seq

(liema dokumenti ġew tradotti għall-lingwa ingliża minn kumpanija traduttriċi akkreditata)[21].

Il-Qorti setgħet tikkonstata li verament hemm diskrepanza bejn il-valuri dikjarati mir-rikorrent u dawk provenjenti mid-Dwana Torka. Għal dak li huwa kalkolu tad-diskrepanza fuq kull importazzjoni, il-Qorti hija sodisfatta li fuq -

- Il-polza ta' importazzjoni TDID 2012601770794 il-valur dikjarat huwa ta' €41,037, il-valur korrett huwa ta' €100,015 u **d-differenza fil-valur hija ta' €58,978**

- Il-polza ta' importazzjoni TDID 2012601812938 il-valur dikjarat huwa ta' €67,703, il-valur korrett huwa ta' €87,975 u **d-differenza fil-valur hija ta' €20,272**

- Il-polza ta' importazzjoni TDID 2013601880687 il-valur dikjarat huwa ta' €41,529, il-valur korrett huwa ta' €102,475 u **d-differenza fil-valur hija ta' €60,946**

- Il-polza ta' importazzjoni TDID 2013601942061 il-valur dikjarat huwa ta' €28,425, il-valur korrett huwa ta' €88,950 u **d-differenza fil-valur hija ta' €60,525**

- Il-polza ta' importazzjoni TDID 2014602070659 il-valur dikjarat huwa ta' €37,695, il-valur korrett huwa ta' €175,233 u **d-differenza fil-valur hija ta' €137,538**

[21] Ara xhieda ta' Lorraine Williams seduta 23 ta' Marzu, 2022.

- Il-polza ta' importazzjoni TDID 2014602201179 il-valur dikjarat huwa ta' €21,716, il-valur korrett huwa ta' €80,105 u **d-differenza fil-valur hija ta' €58,389**

- Il-polza ta' importazzjoni TDID 2014602264130 il-valur dikjarat huwa ta' €21,707, il-valur korrett huwa ta' €91,362 u **d-differenza fil-valur hija ta' €69,655**

Fuq id-diskrepanza totali tal-ammonti ndikati fil-poloz tal-importazzjoni it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li ġiet evaża mir-rikorrent inħadmet għas-somma ta' €83,937, li hija s-somma ndikata fl-ittra uffiċjali mertu tal-kawża odjerna.

Fir-rapport tal-14 ta' Lulju 2015 ingħad li mill-eżerċizzju ta' verifika li sar mill-uffiċjali tad-Dwana[22] -

*"....the following was established:*

- *Several invoices were left out by the importer, thus not declared to customs,*

- *All the values relevant to the imported items have been altered,*

- *The weights and the number of pallets shown on the documents received from the Turkish Customs, tallied with the quantities submitted by the importer in the customs declarations.*

[22] Fol 219

*Consequently, it is to be deduced that several invoices were intentionally left out and the incorrect values declared by the subject in question (Mr Colin Sammut), when submitting the declarations to Malta Customs to evade paying the correct amount of tax."*

Ir-rikorrent, għajr għal tentattiv bla suċċess biex ipoġġi dubju dwar il-verċita' u l-awtentiċita' ta' dawn il-provi, u jagħmel asserzjonijiet gratuwiti anke dwar is-sistema tat-taxxa fit-Turkija[23], ma rnexxilux iġib prova konvinċenti sal-grad rikjest mill-liġi sabiex jegħlibhom u juri mod ieħor.

Il-Qorti tqis fiċ-ċirkostanzi li t-talbiet tar-rikorrent ma jimmeritawx li jiġu akkolti. Invece, sejrin jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali ntimat.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

**1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali (Dwana);**

**2. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**

[23] F'dan ir-rigward isir referenza għax xhieda ta' l-istess Colin Sammut u ta' martu Anabelle Sammut tas-seduta tat-2 ta' Frar, 2022